MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Numru 50/2000

Il-Pulizija
(Spettur Simon Galea)
(Spettur Dennis Theuma)
vs
Charles Grima

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Charles Grima, iben Vincenzo u Maria Stella nee Scerri, detentur tal-karta tal-identita Nru 123259(M), li permezz taghhom gie akkuzat talli bil-lejl f'B'Kara fit-8 ta' Dicembru 1999 ikkommetta serq ta' hwejjeg u flus ghad-dannu ta' Jane Borg propjetarja tal-Fashion Fever ta' Valley Road B'Kara, u liema serq hu aggravat bil-hin, bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur tal-oggetti misruqa liema valur huwa ta' iktar minn mitt lira Maltin (LM100) izda inqas minn elf lira Maltin (LM1000) u dan kollu bi ksur tal-artikoli 262(a), 263(a), 270 u 274 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli f'dawn l-ahhar zminijiet f'dawn il-gzejjer xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' serq, u xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan kollu bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanza ghamel fuq il-persuna ta' Jane Borg feriti ta' natura hafifa hekk kif iccertifikat Dr Louise Gatt ta' St Lukes Hospital u dan bi ksur tal-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba biex titratta mal-imputat talli huwa recidiv b'sentenza tal-Qorti tas-17 ta' Ottubru 1989 li biha l-imputata giet ikkundannata ghal sena prigunerija sospiza ghal tlett snin liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-18 ta' Jannar, 2001 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

Fl-Artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 330, 279, 280, 281, 334, 221, 289, 49, 50, 28A sa 28H, 31, 17(b), 23, 20 u 533 tal-Kodici Kriminali u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din l-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha illi gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fit-8 ta' Dicembru, 1999 ghall-habta tal-11.30p.m. il-pulizija kienu gew infurmati minn certu Jane Borg, karta tal-identita Nru. 148157 illi ftit

tal-hin qabel kienet sabet il-bieb ta' barra tal-hanut tal-hwejjeg taghhabl-isem 'Fashion Fever' f'Valley Road B'Kara sgassat u kienet saret Inkjesta Magisterjali.

Illi kien irrizulta minn indagni kondotta mill-pulizija ili Jane Borg kienet dahlet fil-hanut tal-hwejjeg taghha sabet persuna mistohbija qalb il-hwejjeg illi imbuttata u griet tigri mill-hanut. Jane Borg griet wara din il-persuna u rat in-'number plate' tal-vettura li rikbet fiha din il-persuna u Jane Borg ghaddiet dan in-numru tar-registrazzjoni tal-vettura lill-pulizija. Jane Borg tat deskrizzjoni tal-persuna illi rat u l-pulizija kienu arrestaw lil certu Charles Grima l-imputat fuq imsemmi. L-imputat gie moghti s-solita twissija mill-pulizija u irrilaxxja stqarrija.

Illi l-Ispettur Theuma a fol. 22 tal-process xehed illi "waqt interoggazzjoni l-vittma Jane Borg ghazlet spontanjament li jsir konfront bejnha u bejn l-imputat. Fil-fatt Jane Borg gharfet lill-imputat hawn prezenti Charles Grima li qieghed naghraf bhala dik il-persuna li hija kienet sabet gol-hanut 'Fashion Fever' fil-lejl ta' qabel cioe' fit-8 ta' Dicembru u kienet ikkonfermat ukoll li kien l-istess Charles Grima, l-istess persuna li harab jigri minn gol-istess hanut fejn ftit tal-hin wara Jane Borg kienet sabitu hemm hekk".

Illi kif diga intqal l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija. Huwa qalilhom illi l-karozza Fiat Panda Nru DAE 108 hija tal-mara tieghu. Gieli isuqha hu u gieli isellifha lill-mara tieghu. Mistoqsi jekk fit-8 ta' Dicembru, 1999 sellifx il-karozza lil xi hadd jew saqiex hu B'Kara, l-imputat ghazel li ma iwiegibx ghal din id-domanda. Di fatti l-imputat ma wegibx ghad-domandi sussegwenti li sarulu mill-pulizija, hlief meta gie mistoqi "lil min sliftha" u dan b'referenza ghall-vettura. L-imputat wiegeb hekk, "Ma imwigibx ghax ma irridx inpoggi lil haddiehor fit-'trouble'."

Illi Alfred Camenzuli gie mahtur bhala perit tekniku mill-Magistrat Inkwirenti fl-atti tal-Inkjesta rigwardanti l-kaz meritu ta' din il-kawza.

Illi fil-konkluzzjonijiet tieghu Alfred Camenzuli irrelata illi Joan Borg tghid illi jekk tara lil din il-persuna aktarx li taghrfu.

Illi ghalkemm ma ratux sewwa hija tghid li dan ir-ragel kien mibni, ta' tul normali, xaharu qasir hafna u ftit car.

Illi l-karozza li harag biha dan ir-ragel kienet ta' ghamla Fiat Panda, ta' kulur ahmar, u bin-numru ta' registrazzjoni DAE 108.

Illi f'parti ohra tar-relazzjoni tieghu Alfred Camenzuli u dana a fol. 45 tal-process jgid hekk, "Illi dan ir-ragel Joan Borg ma kinitx ratu sewwa, ghalkemm tghid li kien ragel mibni, ta' tul normali, xaharu qasir hafna u ftit car."

Illi Alfred Camenzuli ghamel din il-konsiderazzjoni fir-relazzjoni tieghu, izda mhux fil-parti tar-relazzjoni tieghu fejn gie biex jigbed il-konkluzzjonijiet.

Illi Jane Borg xehdet f'dawn il-proceduri dwar dakinhar illi giet misruqa. Hija xehdet illi kienet harget mill-hanut taghha, halliet id-dawl mixghul, regghet dahlet fil-hanut f'xil-hdax u kwart ta' filghaxija biex taghlaq ix-'shutter'. Kif dahlet sabet il-bieb miftuh u rat xi haga ticcaqlaq fil-hanut minn wara l-istand tal-hwejjeg. Meta marret biex tara x'kien hemm rat wicc ta' ragel, dan ir-ragel hareg u tar ghal fuqha. Id-dawl kien gholi, dawl li tara sew, il-hanut kien mixghul kollu. Jane Borg gharfet lill-imputat fuq imsemmi bhala r-ragel li kien fil-hanut taghha u aggrediha. Hija xehdet illi l-imputat tar ghal fuqha, imbuttaha biex jipprova johrog mill-hanut, hareg mill-hanut, telaq jigri u ratlu xi haga f'idejh. Deherilha li ratlu basket f'idejh. Regghet dahlet fil-hanut biex iccempel lill-hbieb taghha, ghalqet, telqet tigri bil-karozza u rat lill-imputat jigri u diehel f'karozza. Hija bil-karozza taghha ippruvat issegwih u fil-fatt sakkritu bil-karozza taghha, pero' l-imputat irriversja ghal fuq il-karozza taghha u ghalhekk hi kellha tirriversja biex ma jahbatx go fiha. Hija hadet in-numru tar-registrazzjoni ta' din il-karrozza. Sussegwentement, marret taghmel rapport l-ghassa tal-pulizija, tathom il-marka tal-karozza, il-kulur u n-numru tar-

registrazzjoni taghha, umbaghad marret il-‘polyclinic’ fejn gie irrilaxxjat lilha certifikat mediku. Jane Borg kompliet tispjega illi kellha l-hwejjeg imdendlin fuq ‘stand’ u l-istand kienet f’nofs il-hanut. Kien hemm ‘tops’ imdendlin ma din l-istand. Taht it-‘tops’ rat xi haga ticcaqlaq. Marret tifred il-hwejjeg u hareg wicc l-imputat. Hija xehdet illi l-imputat kien baxx mal-art. Wara ndunat illi kellha xi blouses neqsin minn fejn kien mistohbi l-imputat u precizament kien hemm tmien tops neqsin li kull wiehed minnhom kien jiswa LM14. Hija xehdet illi insterqulha wkoll flus mill-‘cash’. Hija xehdet illi ma kellhiex aktar minn ghoxrin lira fil-‘cash’ dakinhar. Jane Borg xehdet illi xi tlett gimghat qabel kienet ukoll giet misruqa u kienet ukoll sabet il-bieb illevat bl-istess mod bhal din id-darba.

Illi xehdet it-Tabib Dr Louise Gatt li eziminat lil Jane Borg fid-9 ta’ Dicembru, 1999 fis-1.30a.m. Hija kienet hargitilha certifikat mediku fis-sens illi kellha girfa zghira fuq il-qasba ta’ saqajha x-xellugija li hija ikklasifikatha bhala ‘slight injury’.

Illi l-prova tar-recidiva baqghet ma tressqitx mill-Prosekuzzjoni.

Illi Jane Borg xehdet in kontro-ezami illi l-ewwel identifikazzjoni li setghet taghti lill-pulizija dwar il-persuna illi hasbet li seraqilha l-oggetti mill-hanut taghha kienet il-Fiat Panda ta’ lewn ahmar u n-numru ta’ registrazzjoni ta’ din vettura. L-ghada tal-incident kienet tkellmet mal-espert tal-Qorti. Hija xehdet ukoll illi kienet tat deskrizzjoni tal-persuna lill-pulizija u li meta kellmet lill-espert tal-Qorti kienet qaltlu li jekk terga tara lil din il-persuna aktarx illi taghrfu. Hija xehdet pero’ li l-unika haga li kienet certa minnha assolutament kienet illi l-malvivent kien telaq mill-post permezz ta’ vettura Fiat Panda ta’ lewn ahmar u bin-numru tar-registrazzjoni li kienet ghaddiet lill-pulizija. Jane Borg kompliet tixhed illi meta warrbet il-hwejjeg biex tara x’kien hemm l-ewwel ma rat kien wicc l-aggressur. Kienet xi haga li kienet qeghda tara car u meta warrbet il-hwejjeg wiccu deher car u ghalhekk kienet taf li jekk tarah aktarx illi taghrfu. Jane Borg kompliet tixhed illi l-ghada tal-incident il-pulizija kienu qalulha li kienu ser jibdew

jinvestigaw billi jaraw min kien sid dik il-vettura u f'xi hin fid-9 ta' Dicembru, 1999 il-pulizija kienu cemplulha biex jghidulha li kienu intraccaw sid il-vettura u talbuha tmur l-ghassa ghaliex hemm hekk kien hemm sid il-vettura. Jane Borg xehdet illi l-persuna li gabulha l-ghassa kienet il-persuna li kienet rat fil-hanut meta marret biex tifred il-hwejjeg u rat wicc il-persuna. Pero' jekk din il-persuna kienitx sid il-vettura jew le hija ma kienitx taf. Jane Borg ikkonfermat illi l-pulizija kienu qalulha li l-investigazzjoni taghhom kienet ser tibda billi jintraccaw ta' min kienet il Fiat Panda. Jane Borg xehdet illi l-ghassa ma saret l-ebda 'identification parade'. Il-pulizija urewha biss ir-ragel li kienu qalulha li kienu arrestaw u dana fl-isfond tal-informazzjoni li kienet tathom hi, jigifieri n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura. Il-pulizija dejjem qalulha li kienu ser ifittxu lil din il-persuna. Borg ikkonfermat illi l-persuna li kienet iddeskriviet lill-pulizija ratu fl-ghassa bil-qeghda fl-ufficcju tal-Ispettur. Il-Pulizja dahluha fl-ufficju tal-Ispettur u qalulha, "Ara jekk hux dan?" u hija qaltilhom, "Iva". Umbaghad harget mill-ufficju. Ir-ragel kien bil-qeghda u baqa bil-qeghda il-hin kollu. Jane Borg kif dahlet fl-ghassa setghet tivverfika illi l-persuna li rat fl-ufficju tal-Ispettur kien tal-istess binja li kienet tat lill-pulizija u setghet ukoll tivverifika d-dettalji ta' wiccu u ta' xaharu. Pero' ma setghet tivverifika dwar it-tul ta' din il-persuna ghaliex il-persuna baqghet bil-qeghda il-hin kollu. Mistoqsija mill-Qorti jekk meta rat lill-imputat fl-ghassa tal-pulizija kellux il-mustacci kif kellu dakinhar il-Qorti, Jane Borg xehdet illi iva l-imputat kellu l-mustacci. Pero' fl-ewwel deskrizzjoni li tat lill-pulizija ma kienitx semmiet illi l-malvivent kellu l-mustacci u dana peress illi tahseb li l-ewwel darba ma laqtuhiex il-mustacci. Meta regghet ratu aktar laqtuha u illum kieku kellha tiddeskrivih tghid illi ghandu l-mustacci. Borg kompliet tixhed illi meta rat wicc l-aggressur fil-hanut id-dawl kien mixghul kollu u ratlu wiccu sew. Hija ammettiet illi l-mustacci huma 'feature' rilevanti f'wicc ta' bniedem, pero' meta tat id-deskrizzjoni ta' wicc dan il-bniedem lill-pulizija ma semmietx il-mustacci. Mistoqsija jekk meta kien l-ghassa kellux mustacci jew le Borg qalet illi probabbilment kellu l-mustacci. Pero' qablet illi hija l-mustacci qatt ma kienet semmiethom qabel, lanqas meta kienet xehdet il-Qorti

precedentement fuq talba tal-Prosekuzzjoni. Pero’ Borg kompliet tghid li gharfet wiccu. Jane Borg xehdet illi meta kienet xehdet il-Qorti l-ewwel darba u cioe’ f’Marzu 2000 l-imputat kien bil-qeghda fuq il-bank tal-imputat u li meta gharfet lill-imputat fl-ghassa tal-pulizija ma intweriet l-ebda ritratt ta’ persuni ohrajn sabiex tiddentifika l-aggressur, imma il-pulizija kienu urewha biss lill-imputat bil-qeghda fuq siggu fl-ufficju tal-Ispettur. Fl-ufficju kien hemm ukoll l-Ispettur illi qatt ma kienet ratu qabel u l-Ispettur kien bil-qeghda wara d-desk liebes l-uniformi tal-pulizija.

Illi t-tezi tal-Prosekuzzjoni illi l-vittma Jane Borg gharfet lill-imputat, gharfitu fl-ghassa tal-pulizija fl-ufficju tal-Ispettur u dana wara li kienet ratu meta hareg wiccu minn bejn il-hwejjeg fil-hanut taghha, waqt illi in poche parole t-tezi tad-difiza hija fis-sens illi Jane Borg giet murija lill-imputat fl-ufficju tal-Ispettur u din skond id-difiza mhijiex identifikazzjoni illi tista twassal lill-Qorti sabiex issib lill-imputat fuq imsemmi hati tar-reati li bihom jinsab akkuzat. Id-difiza tikkontendi li f’dan il-kaz imissa saret ‘identification parade’, minkejja l-fatt illi l-pulizija mhijiex obbligata illi taghmel dan l-‘identification parade’. Id-difiza issostni illi una volta ma instabux ‘finger prints’ tal-imputat fix-xena tar-reat, kif ukoll ma instabu l-ebda oggetti misruqin fil-pussess tal-imputat l-identifikazzjoni illi ghamlet Jane Borg tal-imputat fl-ghassa tal-pulizija meta rat lill-imputat bil-qeghda fuq siggu fl-ufficju tal-Ispettur u fil-kamra kien hemm biss l-imputat u l-Ispettur liebes l-uniformi li t-tnejn li huma kienu u baqghu bil-qeghda mhijiex sufficjenti sabiex il-Qorti tista isserrah mohhha illi Jane Borg verament gharfet lill-imputat fuq imsemmi bhala l-persuna li kien prezenti fil-hanut taghha meta sehhet is-serqa in kwistjoni.

Illi kif issottomettew tajjeb il-Prosekuzzjoni u d-difiza il-Ligi taghna ma tghidx illi l-Prosekuzzjoni hija obbligata illi taghmel l-‘identification parade’.

Illi kemm il-Prosekuzzjoni, kif ukoll id-difiza accennew ghal zewg sentenzi, sentenza fl-ismijiet il-Pulizija kontra Stephen Zammit u sentenza ohra fl-ismijiet il-Pulizija kontra Alfred Bugeja. Fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija kontra

Stephen Zammit deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 tas-sena 2000 il-Qorti kienet irreteniet, "illi ghalkemm mhijiex mehtiega li ssir l-'identification parade', una volta tkun saret l-identifikazzjoni sta umbaghad ghal gudikant sabiex iqis fic-cirkostanzi kollha tal-kaz li jkollu quddiemu jekk l-identifikazzjoni twassalx effettivament ghas-sejbien ta' htija ta' imputat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni".

Ikkunsidrat :

Illi fil-kaz odjern huwa minnu illi ma instab l-ebda oggett misruq fil-pussess tal-imputat jew inkella fid-dar jew fil-karozza tieghu. Ma instab l-ebda 'finger print' fil-hanut ta' Jane Borg illi jaqbel ma' xi impront digitali tal-imputat u lanqas ma kien hemm xi hadd iehor illi gharaf lill-imputat fix-xena tad-delitt.

Illi Jane Borg gharfet lill-imputat fl-ufficju tal-Ispettur u r-retroxena ta' dik l-identifikazzjoni kienet illi <u>kienet Jane Borg stess illi kienet talbet li isir dan il-konfront</u> wara li hija kienet ghaddiet in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura li minnha kien harab minn fuq l-post il-malvivent.

Illi fl-isfond ta' dan kollu Jane Borg marret l-ghassa tal-pulizija, wara li l-pulizija cempluha u qalulha li ried ikellimha l-Ispettur. Telghet fl-ufficju tal-Ispettur u hemm hekk sabet lill-Ispettur liebes l-uniformi tal-pulizija bil-qeghda wara l-iskrivanija tieghu u faccata tieghu kien hemm ragel li hija identifikatu u ikkonfermat lill-Ispettur li dak kien ir-ragel li kien dahlilha fil-hanut taghha.

Illi meta xehdet quddiem l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti, Jane Borg kienet qalet lill-espert Alfred Camenzuli illi hija ma kienitx ratu sew lil malvivent. Pero' qaltlu jekk narah x'aktarx li ngharfu. Dakinhar ukoll Jane Borg kienet tat deskrizzjoni ta' wicc l-imputat, pero' fl-ebda hin ma semmiet il-fatt illi l-imputat ghandu l-mustacci. Fil-fatt gie stabbilit illi l-imputat ghandu l-mustacci. Jane Borg xehdet illi illum il-gurnata li kieku kellha taghti deskrizzjoni tal-imputat issemmi il-fatt li ghandu l-mustacci, pero'

xehdet ukoll illi hija fl-ebda hin ma kienet semmiet il-mustacci meta tat deskrizzjoni tal-imputat lill-pulizija.

Illi dwar it-tul tal-imputat Jane Borg ma setghet tikkonferma xejn lill-pulizija u dana peress illi meta iddentifikat lill-imputat fl-ufficju tal-Ispettur l-imputat baqa l-hin kollu bil-qeghda, fl-ebda hin ma intalab sabiex iqum bil-wieqfa u ghalhekk Jane Borg ma setghet tghid xejn dwar it-tul tal-imputat.

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenzi gja citati ghamlet referenza ghad-dettami tal-prudenza u tal-buon sens u dan ghall-fini ta’ identifikazzjoni ta’ malvivent meta ma jsirx ‘identification parade’ mill-Pulizija.

Illi f’dan ir-rigward il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-‘Criminal Practice’ ta’ Blackstone, 1999, pagna 2206: “the visual identification of suspects, of defendants by witnesses has for many years been recognised as problematic and potentially unreliable. It is easy for an otherwise reliable and truthful witness to make a confident but wholly false identification of a suspect even in some cases where the suspect is well known to him. There are several possible reasons for errors of this kind. Some persons may have difficulty in distinguishing different subjects of only moderately similar appearance and many witnesses to crimes are able to see the perpetrators only fleetingly, often in very stressful circumstances. There is some evidence that false identification can sometimes be caused by a process known as unconscious transference in which the witness confuses a face he recognises from the scene of the crime, perhaps that of an innocent bystander to that of the offender.”

Illi l-Qorti iccitat dan il-bran peress illi proprju f’dan il-kaz meta Jane Borg rat wicc il-malvivent hija kienet taht xokk qawwi, il-hin kienu l-hdax ta’ bil-lejl, hija kienet wahedha, rat xi haga ticcaqlaq wara l-hwejjeg, marret tifred it-tops u hareg wicc. Hija stess tixhed b’mod li turi kemm kienet taht xokk u imwerwra fil-hin illi rat wicc il-malvivent. Hija tghid hekk: “Meta mort inhares minn wara l-hwejjeg persuna taret ghal fuqi, imbuttatni lil hemm u telqet tigri” u

allura proprju kif isemmi Blackstone Jane Borg rat il-malvivent “only fleetingly in very stessful circumstances” u dan kollu jista’ iwassal kif jghid l-istess awtur ghal identifikazzjoni sbaljata.

Illi meta Blackstone tkellem dwar il-konfront, kif proprju gara f’dan il-kaz, bhala mezz sabiex xhud jidentifika persuna huwa jghid illi din hija ftit biss ahjar minn “a dock” identification jigifieri minn meta persuna taghraf malvivent bhala l-persuna li tkun bil-qeghda fil-bank tal-imputati. Blackstone jaghmel referenza ghal kawza “Joseph, 1994, Criminal Law Review 48” u qal illi f’dan il-kaz kien hemm “a judicial mistrust of confrontation’.

Illi fl-isfond ta’ dan kollu l-Qorti taccenna wkoll ghal punt iehor rilevanti ferm.

Illi meta l-imputat gie arrestat u gie mistoqsi diversi domandi mill-pulizija u ittiehditlu wkoll l-istqarrija wara li gie moghti s-solita twissija, l-imputat ghazel illi ma iwiegeb ghal ebda domanda, hlief meta gie mistoqsi jekk fil-lejl in kwistjoni meta sehhet is-serqa meritu ta’ din il-kawza kienx silef il-karozza tieghu lil xi hadd u jekk iva lil min kien silifha.

Illi kienet biss ghal din id-domanda illi l-imputat ghazel illi iwiegeb fl-istqarrija tieghu fejn huwa qal hekk, “Ma inwegibx ghaliex ma irridx inpoggi lil haddiehor fit-‘trouble’.”

Illi dan il-fattur, allacjat ukoll mal-fattur l-iehor ferm importanti u cioe’ illi a tempo vergine Jane Borg qalet bil-gurament taghha lil Alfred Camenzuli, l-espert mahtur fl-inkjesta magisterjali illi hija ma kienitx rat lill-malvivent sew, pero’ jekk tarah x’aktarx illi tgharfu”, iwassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi illi l-identifikazzjoni illi ghamlet Jane Borg tal-imputat fuq imsemmi ma tistax tissodisfa lill-Qorti illi l-imputat fuq imsemmi kien fil-fatt il-persuna li wettqet is-serqa in kwistjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi **mhux hati** tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, qeghda **tilliberah** minn kull imputazzjoni, htija u piena.

--------------------------------TMIEM--------------------------------